Kunsill Lokali Ħal Balżan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balżan

**MINUTI TAS- SITTAX IL LAQGĦA TAT-TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balżan

**Data:** L-Ġimgħa, 11 ta' Marzu 2016

**Ħin:** Mill-4.00pm sas-6.25pm

**Preżenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech ( Skuzat)
Is-Sur Desmond Żammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

Il-Viċi Sindku, Andre Grech infurma lis- SE li ma jistax jattendi l-laqgħa minħabba li kellu seminar relatat max- xogħol ġewwa Għawdex.

Qabel bdiet il-laqgħa l-Kunsill stieden lis-Sur Matthew Mallia mill-WasteServ Malta Ltd fejn ġew diskussi l-possibilitajiet ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Erbtax u l- Ħmistax-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Żammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Ma kien hemm ebda *arising out* mill-minuti

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera

### Is-Sindku Dr. Ian Spiteri

Dr. Spiteri infurma lill-Kunsill li ġie infurmat mid-Dipartiment tas-Saħħa biex jekk il-Kunsill jinnota li hemm xi ilma qiegħed dan għandu jiġi rrapurtat minnufih minħabba il-virus taż-żika.

Is-Sindku beda qal li kellu laqgħa mas-Sur Ray Zammit mill-LESA fejn iddiskutew il-problemi li qed jiffaċċja kuljum fir-rigward tal-infurzar u kif dan jista' jsir. Is- Sindku elenka numru ta' nuqqasijiet li qed jiġru fil-lokal u ser tittieħed azzjoni mill-wardens.

Dr. Spiteri infurma lill-Kunsill li screening process mill-MEPA fir-rigward tal-post il-ġdid tal-Kunsill ser jinstema fl-4 ta' April 2016.

### Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara

Il-Kunsillier qal li l-problema tal-parking fuq double yellow line waqt il-ħinijiet tal-ħruġ tat-tfal minn Stella Maris għadha tippersisti u għandu jkun hemm infurzar fuqha. Din mhux l-ewwel darba li tkellem fuq din il-materja. Is-Sindku wieġeb li din kienet waħda mill-materji li ġiet diskussa mas-Sur Ray Zammit u ser tittieħed azzjoni. Is-Sur Zammit Marmara semma wkoll l-abbuz rampanti u l-ħtieġa ta' infurzar fl-area l-ġdida ta' Ħal Balzan.

Is-Sur Zammit Marmara kien tal-fehma li l-magazine li ħareġ il-Kunsill ġie jiswa ħafna flus. Is-SE wiġeb li kienet ħarġet kwotazzjoni u kienet ġiet sottomessa kwotazzjoni waħda.

Is-Sur Zammit Marmara qal li fir-rigward tal-estensjoni tar-Residents Parking fi Triq San Frangisk huwa ma jsib ebda oġġezzjoni wara li żviluppi li seħħew fejn anke qed jitlob li jiżdied sinjal ieħor. Fir-rigward tat-talba mill-Libyan-Maltese Chamber kien qed jissuġġerixxi li dawn jingħataw permess biex jipparkjaw. Is- Sindku wieġeb li l-parking f'dik it-triq għandha tkun riservata biss għar-residenti.

Il-Kunsillier ressaq talba tas-Sur Sean Sciberras fuq il-permess ta' kostruzzjoni fejn MFSA/ Gasan Showroom fejn din ser toħloq inkonvenjent lir-residenti fuq parking fejn in-naħat ta' Triq l-Imdina u toroq oħra f'dawk l-inħawi. Il-Kunsill deherlu li kellu jibgħat r-rakkomandazzjonijiet tiegħu fejn filwaqt li ma jsibx oġġezzjoni fuq dan l-iżvilupp, il-MEPA għandha tagħmel traffic impact assessment u tieħu kunsiderazzjoni tal-impatt negattiv li jista' jkollhom r-residenti ta' Hal Balzan.

### Il-Kunsillier Joe Galea

Is-Sur Galea ressaq talba ta' xi residenti biex issir zebra crossing oħra fejn iċ- ċimiterju f'Wied Hal Balzan.
Il-Kunsill huwa tal-fehma li hemm bizzejjed zebra crossings fil-wied u għalhekk it-talba ġiet rifjutata.
Il-Vici Sindku ressaq talba ta' xi residenti biex jiżdiedu żewġ parking bays fi Triq il-Kannizzata kantuniera ma' Triq il-Ferrovija l-Qadima. Is-SE talab għal aktar informażżjoni biex tkun tista' tiġi sottomessa applikazzjoni ma' TM.

Is-Sur Galea ressaq talba biex tiżdied parking bay oħra fi triq Antonio Bosio kantuniera ma' Triq l-Għerusija. Il-Kunsill approva.

Is- Sur Galea ressaq talba ta' resident biex Triq Qarcilla tiġi wkoll timed parking zone bħal Triq San Frangisk. Il-Kunsill kien talab lill-TM biex il-lokalita kollha ta' Hal Balzan tiġi timed parking għar-residenti.

**Il-Kunsillier Daniel Muscat**

Is-Sur Muscat talab li titressaq id-data tal-attivita' Balzan Arts and Festival għat-3 ta' Ġunju 2016 minħabba li fid-data stabbilita ma jistax isib bands u entertainment. Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li jingħata permess mill-Kappillan peress li dakinhar hemm xi funzjoni tal-Knisja.

Is-Sur Muscat ressaq ilment ta' familja li toqgħod fi Triq it-Tabib Zammit dwar l-ilma li qed joħroġ mill-blokka tal-appartamenti f'din it-triq. Is-Sur Joe Galea infurmah li d- Dipartiment tas- Sanita' ha passi legali fil-konfront tas-sidien biex din il-problema tiġi riżolta.

Punt ieħor imressaq minn din il-familja fejn jidher li saret ħsara fil-bankina kemm ta' quddiem bini ta' kostruzzjoni kif ukoll faċċata minħabba s-saqajn tal-inġenji waqt il-kostruzzjoni fejn saħansitra tkissru l-inspections u katusi tad-dar ta' ħdejhom.

Is-SE wieġeb li l-flus tad-depożitu li għandu l-kuntrattur mal-kunsill mhux ser jingħataw sakemm tiġi rranġata l-bankina fl-istat oriġinali tagħha. Sa llum il-kuntrattur għadu għaddej bix-xogħolijiet. Bħala Kunsill jista' jibda proċeduri legali kontra l-kuntrattur dejjem jekk din il-familja hija lesta titla' tixhed l-qorti fuq dak li qed jallega.

Il-Kunsillier issuġġerixxa li t-telephone box li hemm fil-pjazza tinbidel f'librerija. Il-Kunsill ma approvax.

## 4. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru 5562:** Talba għal reserved parking quddiem dar nru 57, Triq Birbal ġiet miċħuda minn TM.

**Ittra Nru 5566:** Email mingħand il-Bord tal- Governanza li tittratta bankina quddiem daħla ta' garaxxijiet fi propjeta' bl-isem Dorset Flats biex il-Kunsill bi spejjez tagħha tirranġa b'tali mod li l-bankna tiġi fil-livell tad-daħla tal-garaxxijiet. Il-Kunsill talab lis- SE biex iqabbad l-avukat tal-Kunsill jirrispondi din l-materja. Is-sid ta' kostruzzjoni kien fid-dover li waqt il-kostruzzjoni jagħmel dawn ix-xogħlijiet skont il-permessi meħtieġa tal-MEPA. Il-Kunsill irid joqgħod attent għal dawn it-tip ta' talbiet għaliex jista' joħloq preċedent.

**Ittra Nru 5570:** Email mingħand id-DLG fuq il-proċeduri mposti fuq il-Kunsill fejn mill-4 ta' April 2016 fir-rigward ta' kif għandhom jimxu dwar ir-rimi ta' skart perikoluż, elettriku u skart ieħor elettroniku u anki sa meta jistgħu jirreġistraw mal-MEPA.

Is-SE wiegeb li għar-raġuni li l-Kunsilli ma ġewx ikkonsultati fuq kif tista' tinstab l-aħjar sistema possibbli u kif din ġiet mposta fuqna b'ħafna għaġġla fejn ġejna mitluba bħala segretarji biex fi żmien tlett ijiem nirregistraw, l-assoċċjazzjoni tas-segretarji tat direttiva lill-membri tagħha li ma jsir ebda reġistrar sakemm tinstab soluzzjoni.

**Ittra Nru 5577**: Petizzjoni mill-ħaddiema ta' l-MFSA fuq ir-residents parking scheme li sar fi Triq San Frangisk fejn qed jitolbu li dawn xorta jkunu jistgħu jipparkjaw.

Il-Kunsill mhu bl-ebda mod ser jittollera, li jbatu r-residenti minħabba nuqqas ta' parking f'dawk l-inħawi u kategorikament qed jirrfjuta li jilqa' din it-talba.

**Ilment Nru 17016072242898**: Talba biex jitneħħew il-parking bays li hemm quddiem il-bins fi Triq Wiġi Ebejer. Il-Kunsill approva u talab lis-SE biex jinfurma lill-Greenpak biex ineħħihom.

**Ilment Nru 17016030242829**: Talba biex il-Kunsill jkollu bramel bil-konkos biex jkun jista' jislef lin-nies f'kaz li jkollhom bżonn jitwaħħlu no parking notices. Il-Kunsill ma approvax.

**Ilment Nru 07016048242459**: Talba għal żieda ta’ żewġ ubars ohra fi Triq il-Kbira ħdejn l-iskola primarja San Alwigi. Il-Kunsill approva.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi li rċieva l-kunsill f’dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta’ kull min ippreżenta l-ilment.

**5. <u>Approvażżjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash</u>**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tal-11 ta' Marzu 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 18,328.60. L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 5 ta’ April 2016 fl-5.30pm.

______________________

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

______________________

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

______________________
Data